C/2024/5659

18.9.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11740 – EDF / VAUBAN INFRASTRUCTURE PARTNERS / ONTOWER AUSTRIA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5659)

1. Fil-11 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Electricité de France S.A. ("EDF", Franza), ikkontrollata mill-Istat Franċiż,

— Vauban Infrastructure Partners S.C.A. ("Vauban", Franza), li tappartjeni għall-grupp BPCE S.A. ("BPCE", Franza),

— OnTower Austria GmbH ("OnTower Austria", l-Awstrija), li bħalissa hija finalment ikkontrollata minn Cellnex Telecom S.A. ("Cellnex", Spanja).

EDF u Vauban se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, kontroll konġunt fuq OnTower Austria.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— EDF hija attiva madwar id-dinja fl-oqsma kollha tal-produzzjoni, tal-provvista u tat-trasport tal-elettriku. EDF hija attiva wkoll fil-provvista ta' servizzi oħra relatati mal-elettriku kif ukoll fis-settur tal-gass.

— Vauban hija kumpanija Ewropea tal-ġestjoni tal-assi b'enfasi fuq l-investimenti ta' ekwità fl-infrastruttura. Vauban tappartjeni lill-grupp bankarju Franċiż BPCE S.A.

— OnTower Austria topera infrastruttura ta'network passiv mingħajr fili fl-Awstrija, li tikkonsisti f'torrijiet terrestri, torrijiet fuq il-bjut u siti oħra, użati minn operaturi mobbli.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11740 – EDF / VAUBAN INFRASTRUCTURE PARTNERS / ONTOWER AUSTRIA

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË